PR202543

**11/12/2020**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmi prodott **m'għandux jiġi kkunsmat minħabba l-possibbiltà ta' kontaminazzjoni b' pestiċida (Ethlyene oxide) fil-ġunġlien li ntużaw għall-produzzjoni tal-istess prodott.**

F'dawn l-aħħar ġimgħat instab li l-kimika *ethylene oxide* setgħat kienet qed tintuża biex tikkontrolla xi mikrobi fil-ġunġlien esportat mill-Indja. Madanakollu l-użu ta' *ethylene oxide* mhux approvat.

| | |
|---|---|
| Prodott: | Tahini |
| Ditta: | Bio Today |
| Piż: | 250g |
| Data tad-Durabbiltà Minima:: | L-aħjar qabel 31/03/2023 |
| Lott: | E197184 |

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.

